

EMA/335911/2019  
EMEA/H/C/004366

## Miglustat Ġen.Orph (*miglustat*)

Ħarsa ġenerali lejn Miglustat Ġen.Orph u għalfejn huwa awtorizzat fl-UE

### X'inhu Miglustat Ġen.Orph u għal xiex jintuża?

Miglustat Ġen.Orph jintuża biex jikkura żewġ mardiet li jintirtu li jaffettwaw il-mod li bih il-ġisem jittratta x-xaħmijiet. Iż-żewġ mardiet jikkawżaw akkumulu ta' sustanzi xaħmin li jissejħu glikosfingolipidi fil-ġisem. Miglustat Ġen.Orph jintuża fil-kura tal-pazjenti li ġejjin:

- adulti (minn 18-il sena 'l fuq) b'marda ta' Gaucher tat-tip 1 minn ħafifa sa moderata.

Pazjenti b'din il-marda m'għandhomx enzima msejħa glukoċerebrosidaži, li tirriżulta fi glikosfingolipid li jissejja ġu glukożilċeramid li jiżviluppa f'partijiet differenti tal-ġisem, bħall-milsa, fwied u għadam. Miglustat Ġen.Orph jintuża f'pazjenti li ma jistgħux jirċievu l-kura standard tat-terapija ta' sostituzzjoni tal-enzima (ERT);

- pazjenti ta' kull età bil-marda ta' Niemann-Pick tat-tip Ċ, marda potenzjalment fatali fejn l-glikosfingolipidi jiżviluppaw fiċ-ċelloli tal-moħħ u xi mkien ieħor fil-ġisem. Miglustat Ġen.Orph jintuża fil-kura tas-sintomi newroloġiċi tal-marda (sintomi li jaffettwaw il-moħħ u n-nervituri). Dawn jinkludu telf ta' koordinazzjoni, problemi b'movimenti fl-għajnejn "rapidi" (rapidi) li jistgħu jwasslu għal vista batuta, żvilupp ittardjat, diffikultà biex tibla', tnaqqis fl-issodar tal-muskoli, aċċessi u diffikultajiet ta' tagħlim.

Miglustat Ġen.Orph huwa 'mediċina ġenerika'. Dan ifisser li Miglustat Ġen.Orph fih l-istess sustanza attiva u jaħdem bl-istess mod bħal 'mediċina ta' referenza' diġà awtorizzata fl-UE msejħha Zavesca. Għal aktar informazzjoni dwar il-mediċini ġeneriċi, ara d-dokument bil-mistoqsjiet u t-tweġibet [hawnhekk](#).

### Kif jintuża Miglustat Ġen.Orph?

Miglustat Ġen.Orph jiġi bħala kapsuli ta' 100 mg li għandhom jittieħdu mill-ħalq. Id-doża rakkomdata tal-bidu għall-marda ta' Gaucher tat-tip-1 hija kapsula waħda tliet darbiet kuljum. Għall-marda ta' Niemann-Pick tat-tip Ċ, din hija żewġ kapsuli tliet darbiet kuljum għal pazjenti minn 12-il sena 'l fuq; f'pazjent iż-ġgħar, id-doża tiddependi mill-piż u t-tul tagħhom Miglustat Ġen.Orph huwa maħsub għal użu fit-tul.

Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'rīċetta ta' tabib u l-kura għandha tkun sorveljata minn tobbu li għandhom esperjenza fil-ġestjoni tal-marda ta' Gaucher.

Għal iktar informazzjoni dwar l-użu ta' Miglustat Ġen.Orph, ara l-fuljett ta' tagħrif jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## **Kif jaħdem Miglustat Ġen.Orph?**

Is-sustanza attiva f'Miglustat Ġen.Orph, il-miglustat, timblokkha enzima msejħa sintażi tal-glukożilċeramid. Din l-enzima hija involuta fl-ewwel pass tal-produzzjoni tal-glukożilċeramid. Meta tipprevjeni lill-enzima milli taħdem, il-miglustat tista' tnaqqas il-produzzjoni tal-glukożilċeramid fiċ-ċelloli, b'hekk jitnaqqsu s-sintomi tal-marda ta' Gaucher tat-tip 1.

## **Kif ġie studjat Miglustat Ġen.Orph?**

Diġà saru studji dwar il-benefiċċi u r-riskji tas-sustanza attiva fil-marda ta' Gaucher bil-mediċina ta' referenza, Zavesca, u ma għandhomx għalfejn jiġu ripetuti għal Miglustat Ġen.Orph.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, il-kumpanija pprovdiet studji dwar il-kwalità ta' Miglustat Ġen.Orph. Il-kumpanija wettqet ukoll studju li wera li huwa "bijoekwivalenti" għall-mediċina ta' referenza. Żewġ mediċini jkunu bijoekwivalenti meta jiproduċċu l-istess livelli tas-sustanza attiva fil-ġisem u għaldaqstant ikunu mistennija li jkollhom l-istess effett.

## **X'inħuma l-benefiċċi u r-riskji ta' Miglustat Ġen.Orph?**

Minħabba li Miglustat Ġen.Orph huwa mediċina ġenerika u huwa bijoekwivalenti għall-mediċina ta' referenza, il-benefiċċi u r-riskji tiegħu jitqiesu l-istess bħal dawk tal-mediċina ta' referenza.

## **Għaliex Miglustat Ġen.Orph ġie awtorizzat fl-UE?**

L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kkonkludiet li, b'mod konformi mar-rekwiżiti tal-UE, Miglustat Ġen.Orph wera li għandu kwalità komparabbi u huwa bijoekwivalenti għal Zavesca. Għaldaqstant, l-opinjoni tal-Aġenzija kienet li, bħal fil-każ ta' Zavesca, il-benefiċċju ta' Miglustat Ġen.Orph huwa akbar mir-riskju identifikat u jista' jiġi awtorizzat għall-użu fl-UE.

## **X'miżuri qegħdin jittieħdu biex jiġi żgurat l-użu sigur u effettiv ta' Miglustat Ġen.Orph?**

Fis-sommarju tal-karatteristiċi tal-prodott u fil-fuljett ta' tagħrif ġew inklużi r-rakkmandazzjonijiet u l-prekawzjonijiet li għandhom ikunu segwiti mill-professjonisti fil-qasam tal-kura tas-saħħha u mill-pazjenti għall-użu sigur u effettiv ta' Miglustat Ġen.Orph.

Bħal fil-każ tal-mediċini kollha, id-data dwar l-użu ta' Miglustat Ġen.Orph hija ssorveljata kontinwament. L-effetti sekondarji rrappurtati b'Miglustat Ġen.Orph huma evalwati bir-reqqa u kull azzjoni meħtieġa hi meħuda biex tiproteġi lill-pazjenti.

## **Informazzjoni oħra dwar Miglustat Ġen.Orph**

Miglustat Dipharma ngħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq valida fl-UE kollha fl-10 ta' Novembru 2017.

Aktar informazzjoni dwar Miglustat Ġen.Orph tinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenzija:  
[ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/miglustat-genorph](http://ema.europa.eu/medicines/human/EPAR/miglustat-genorph). Informazzjoni dwar il-mediċina ta'

referenza tinstab ukoll fis-sit elettroniku tal-Aġenzija.

Din il-ħarsa ġenerali ġiet aġġornata l-aħħar f'06-2019.